**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**ID-DISA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU TMIENJA U ERBGĦIN** **10 ta' MEJJU, 2023**

Il-Kunsill Lokali Żurrieq iltaqgħa fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fis-6.15 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Is-Sindku s-Sinjura Rita Grima, l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-kunsilliera s-Sinjura Marisa D'Amato, , s-Sur Kaydem Schembri, is-Sur Joseph D'Amato, is-Sur Kenneth Farrugia u s-Sur Kyle Mifsud u s-Sur Dino Bonnici.

**SKUŻAT**

Kunsillier Dr Tiffany Ann Attard

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

Is-Sindku Rita Grima ppresediet is-seduta.

**MINUTI**

| | | |
|---|---|---|
| **48.1** | | ***QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJA*** |
| | | |
| 48.1.1 | | Inqrat l-ittra ta' appoloġija tal-Kunsillier Dr Tiffany Ann Attarard minħabba raġunijiet ta' saħħa. L-appoloġija ġiet approvata. **Dok 1**. |
| | | |
| **48.2** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI*** |
| | | |
| | | |
| 48.2.1 | | Ġew approvati l-minuti tas-sebgħa u għerbien -il seduta. |
| | | |
| ***48.3*** | | ***KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU*** |
| | | |
| 48.3.1 | | Is-Sindku qalet li :<br>• Sid il-ħanut li jinsab fi ġnien il-ġibjun jixtieq li jibbukkja Ġnien il-Ġibjun kuljum biex jagħmel l-imwejjed u siġġijiet u jħallas biss 120E fil-ġimgħa u mhux 35E għal |

| | | |
|---|---|---|
| | | kull jum matul l- 4 xhur tas-Sajf. Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal li biex ikollok l-imwejjed u siġġijiet irid ikollok permess tal-MTA u dan m'għandux. Dan ma jistax jieħu l-ġnien kollu għalih għax il-ġnien hu ta' kulħadd u mhux għan-nies li jieklu mil-ħanut biss. Hu ma jarax li din ġusta fuq persuni oħra li jagħmlu attivitajiet simili u li jkollhom iħallsu 35E kull darba. Ma jridux jinħolqu preċedenti fuq persuni oħra. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fil-festa jrid iġibu gabbana ġdida u infurmat li l-Kunsill mhux ser jgħati permessi għal oħrajn ġodda. |
| | | |
| ***48.3.2*** | | Is-Sindku qalet li:<br>• ġejja delegazzjoni minn Morphou ġejja għal żmien Jum iż-Żurrieq. Kien hemm qbil li l-Kunsill iħallas għat-trasport, lukanda u ikel.<br>• Fir-rigward tal-laqgħa tal-proposta ta' traffic managment il-ġdid fil-Misraħ Repubblika, kienu preżenti biss il-Kunsillier Dino Bonnici flimkien mal-konsulent tal-Kunsill, s-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Nhar il-Ġimgħa ser issir laqgħa oħra fit 15:15 ma' uffiċċjali minn Public Transport, fejn ser iduru ż-Żurrieq b'karozza tal-linja.<br>• Din il-ġimgħa waqt laqgħa fil-kommemorazzjoni tat-30 sena mil-bidu tal-Kunsilli Lokali, l-Kunsilli ġew imħeġġa jinnominaw żgħażugħ/a biex jibda jipparteċipa fil-parlament fisem il-Kunsill. Is-Sindku issuġġeriet isem u kien hemm qbil fuqu.<br>• Saret laqgħa mal-organizzatur li ser jagħmel kors fuq bini ta' presepju u kien hemm qbil li d-dati tal-kors ikunu bejn it-8 u l-10 ta' Settembru. Kien hemm qbil li l-kors isir fis-sala taż-Żurrieq Wolves. |
| | | |
| ***48.4*** | | ***TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI*** |
| | | |
| 48.4.1 | | Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia qal li f'Ottubru ser issir attivita fil-Mitħna tax-Xarolla, xogħol ta' pottery. Waqt din il-wirja, in-nies ikunu jistgħu jżuru il-Mitħna bla ħlas. Kien hemm qbil fuq dan. |
| | | |
| 48.4.2 | | Il-Kunsillier Kaydem qal:<br>• terġa issir sleeping policeman fi Sqaq Barcellona. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Re fondi ta' manutenzjoni tal-librerija – kienu biss man power u mhux finanzi.<br>• Fil-passat il-Kunsill kien japplika għal-life long learning u issuġġerixxa biex isir kors tal-inġinerija għat-tfal f'dar mattia preti u jgħallimhom is-Surmast Brian Bugeja. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fi Vjal il-Blue Grotto hemm zebra crossing u bus stop 'l bogħod minn xulxin. Issuġġerixxa biex dawn ikunu viċin xulxin. Ma kienx hemm qbil fuq dan għax il-crossing tintuża aktar minn nies li jixtru mill-ħanut viċin, milli dawk li jużaw it-trasport pubbliku.<br>• Staqsa fuq is-cctv li l-Kunsill kien qabel fuqha biex issir fi Vjal il-Blue Grotto. Hu issuġġerixxa tibdil fid-direzzjoni tat-traffiku sakemm il-Kunsill ikollu l-permessi meħtieġa biex tiġi nstallata. Ma kienx hemm qbil. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Biex fi Triq Sant Andrija k/m Vjal ix-Xarolla jsiru poles biex ma jaqsmux vetturi għal fejn il-Mitħna tax-Xarolla. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat fuq l-email li l-Kunsill irċieva mingħand l-ngo tar-roti. Kien hemm qbil li l-Kunsill iġib l-approvazzjoni ta' TM. |
| | | |
| 48.4.3 | | Il-Kunsillier Kenneth Farrugia qal:<br>• Hemm ħofra fi Triq Espeditu Deguara perikoluża<br>• Prosit tal-attivita tal-Karozzi u ta' Jum l-Omm li saru fix-xahar ta' Mejju. Irringrazzja lill-Kunsillier Kyle Mifsud.<br>• Dalwaqt hemm il-festa ta' Corpus u ser tgħaddi l-purċissjoni minn Triq il-Karmnu. Kien hemm qbil li tiġi maħsula ġurnata qabel.<br>• Jsir qtugħ ta' ħaxix fi Triq il-Barrieri int hu sejjer lejn Garden of Eden.<br>• Bżonn ta' żabra tal-Palm fi Vjal il-Blue Grotto<br>• Bżonn ta' żabra ta' oleander fi Triq Wied Babu<br>• Triq Santa Katarina hemm blue bay għal persuni b'diżabilta li kienet tħassret għax temporanjament mar joqgħod post ieħor. Issa reġa mar f'din it-triq u hemm bżonn li terġa ssir. Il-Viċi Sindku ma qabilx għax dak hemm problema familjari fuqha. Kien hemm qbil li ma ssirx.<br>• Il-Viċi Sindku Ignatius Farrugia, qal li fi Triq Santa Katarina hemm persuna li mietet, biex inneħħulu l-kaxxa s-safra minn quddiemhom. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fi Vjal il-Blue Grotto hemm persuna oħra li għandha bżonn reserved parking proviżorja. Kien hemm qbil li ser jgħati d-dokumenti meħtieġa qabel issir.<br>• Isir parkeġġ ta' mutur faċċata tal-iskarpan fi Triq il-Ħaddiema.<br>• Triq Zakkarija Ronkali hemm bżonn kinsa.<br>• Irringrazzja lill-Kunsillier Joseph D'Amato għall-attivita tal-orkestra li saret f'Bubaqra. |
| | | |
| | | |
| 48.4.4 | | Il-Kunsillier Joseph D'Amato qal:<br>• biex tinżabar is-siġra kbira li tinsab fi Triq Wied Babu u jiġu miżbura l-oleander ta' Triq il- Wied.<br>• Refresh tal-marki tat-toroq fil-Misraħ.<br>• Bi pjaċir iħabbar li ser il-launching tal-ktieb fit-23 ta' Ġunju, fil-għaxija. Il-prezz tal-ktieb inbidel u l-istima kienet għal ktieb ta' 120 paġna u issa ġie għal 488 paġna. Il-kont totali ser ikun ta' 6990E vat mhux inkluża. Il-prezz tal-ktieb meta jinbiegħ ser ikun ta' 10E. Dan l-ewwel volum. Għall-okkażjoni li ippropona li ssir fiċ-Ċentru tal-anzjani fi Triq l-Imqabba, jiġu mistiedna l-Ministri. Jkun hemm speaches mis-Sindku u dawk involuti. Issir bibita żgħira. Mitt ktieb ser ikunu complimentary.<br>Kien hemm qbil fuq dan. |

| | | |
|---|---|---|
| | | |
| 48.4.5 | | Il-Kunsillier Kyle Mifsud qal:<br>• fl-attivita ta' wirja ta' vetturi antiki li saret dan ix-xahar 1785E inġabru għal Dar Bjorn.<br>• Biex issir wirja tal-karozzi oħra fl-aħħar ta' Settembru – isir traffic managment aħjar. It-triq trid tingħalaq minn Triq San Pawl sa Triq il-Qrendi. Kien hemm qbil fuq dan u li jinkrew mobile toilets, dustbins, u bar/gabbana.<br>• Il-parkeġġ ta' Ġnien il-Ġibjun tal-muturi jitneħħew u jsiru post ieħor li mhux niżla. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Staqsa meta ser titlesta t-twessieħ ta' Triq l-Imqabba? Is-Sindku qalet li ser issir qabel il-festi tar-raħal.<br>• Pots ta' fuq iz-zuntier tal-knisja jeħtieġ li jinbidlu. Kien hemm qbil li jinbidlu.<br>• F'Ġunju ser jorganizza attivita ta' logħob tradizzjonali malti. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Biex issir raised roundabout fi Vjal l-Indipendenza k/m Triq San Martin u oħra fi Triq Wied Babu k/m Triq Antonia Farrugia. |
| | | |
| ***48.5*** | | ***Rapporti*** |
| | | |
| **48.6.1** | | **Financial Quarterly Report** |
| | | |
| 48.6.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet ir-rapport finanzjarju ta' kull kwart. Dan ġie approvat biex jintbagħat. |
| | | |
| ***48.7.2*** | | ***Attivitajiet ta' Jum iż-Żurrieq/Festa Ħut/Ċittadin Ewlieni*** |
| | | |
| 48.7.2 | | Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li bejn it-30 ta' Mejju u t-2 ta' Ġunju, ġejja delegazzjoni minn Morphou ghall-okkażjoni ta Jum iż-Żurrieq. Dawn ser jagħmlu exhibition ta' ritratti tal-lokal tagħhom fejn il-parlament. Inġiebu l-permessi meħtieġa u sar l-booking tal-lukanda f'Sliema. Ġejjin is-Sindku u s-sinjura tiegħu u 3 kunsilliera. Dawn ser jattendu għaċ-ċerimonja ta' Jum iż-Żurrieq.<br><br>Is-Sindku qalet li l-bieraħ iltaqa l-board ta' Ġieħ iż-Żurrieq u infetħu 17 il-nominazzjoni. Dawn huma:<br>Simon Stafrace<br>Reno Sacco<br>Rodney Borg<br>Glen Galea<br>Saviour Caruana<br>Mireja Bugeja<br>Carmel D'Amato<br>Rokku Farrugia<br>Annetto Bugeja<br>Arthur Cachia<br>Pawlu Camilleri |

| | | |
|---|---|---|
| | | Jeremy Cachia<br>Franco Bugeja<br>Adrian Casha<br>Robert Bondin Carter<br>Ricky Caruana<br>Il-bord kien strett ħafna u 2 min-nominazzjonijiet ma ġewx kwalifikati. Hemm persuni li ser jieħdu ġieħ u oħrajn ser jieħdu rikonoxximent u persuna Ċittadin Ewlieni.<br><br>Is-Sindku qalet li fir-regolamenti irid jiżdied id-data tat-twelied tal-persuna li ġiet nominata. Kien hemm qbil li lill-persuni li ma ġewx kwalifikati, jkunu infurmati mill-Kunsill li l-bord ħa din id-deċiżjoni. |
| | | |
| | | |
| **48.9** | | **Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa** |
| ***48.10*** | | ***Approvazzjoni: xogħlijiet u servizzi*** |
| | | |
| 48.10.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet dawn l-ilmenti/suġġerimenti:<br>• L-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali qed tipproponi li fl-okkażjoni tal-Jum Dinji tad-Donaturi tad-Demm li jkun fl-14 ta' Ġunju, l-Kunsilli Lokali jixgħelu bini b'dawl aħmar. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Il-persuni li fi snin preċedenti organizzaw attivita tal-Halloween qed jitolbu permess biex din is-sena terġa ssir fi Triq Fra Ganmari Zammit fil-31 ta' Ottubru. Kien hemm qbil li jingħataw il-permessi.<br>• Persuna kitbet fuq fb biex fil-liwja bejn Triq Sant Andrija u Vjal ix-Xarolla, jsiru flexible bollards u vetturi li normalment ikunu ġejjin minn Triq Sant Andrija u jibqgħu sejrin lejn il-Mitħna tax-Xarolla, ma jkunux jistgħu u jkollhom jinżlu jduru mar-roundabout ta' viċin Triq il-Kuċċard. Sadanittant TM immarkaw il-linji tat-traffiku biż-żebgħa u għamlu continuous white line. F'email li s-Segretarju Ġenerali tal-għaqda tar-roti kiteb lill-Kunsill, qal li joġġezzjona għal dak miktub fuq fb, minħabba li dik il-parti tat-triq għandha potenzjal għas-sewwieqa tar-roti minħabba li biha jevitaw l-overspeeding tat-toroq bħal mhuma Vjal ix-Xarolla u Triq il-Kuċċard, barra li jkun ta' skariġġ u periklu xorta li jkollhom iduru ma roundabout diżlivellata. Kien hemm qbil li l-Kunsill jitlob il-permess ta' TM biex isiru tali flexible bollards.<br>• Intalbet U bar fi Triq Sant Andrija quddiem ħanut tal-ħwejjeġ, minħabba l-periklu tal-vetturi li jgħaddu mill-akwata. Ma kienx hemm qbil.<br>• Biex issir l-U bar li tkissret fi Vjal ix-Xarolla k/m Triq ż-Żurrieq. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Biex isiru bus stops fi Triq il-Qrendi, viċin id-Dems. Ma kienx hemm qbil. |

| | | |
|---|---|---|
| | | • Il-kunsill irċieva lista ta' toroq li jinsabu fil-kuntratt tal-ġbir ta' skart biex jiġu approvati mill-Kunsill. Dan ir-rapport ġie ressaq lill-Kunsilliera għall-approvazzjoni. Tali rapport ġie approvat.<br>• Il-Kunsill ta' Pedara infurmaw li ser jipposponu l-vista tagħhom fiż-Żurrieq għal wara s-sajf.<br>• Tressqet ittra iffirmata miż-żewġ soċjetajiet tal-banda fejn qed jilmentaw fuq il-proposta tal-proġett tal-Misraħ Repubblika. Is-Segretarju Eżekuttiv tablet laqgħa oħra mal-Perit. Ir-risposta tal-perit kienet din "*Nahseb ma hemmx bzonn li ssir laqgha ohra. Il-kunsill jehtieg li jiehu decizzjoni x jixtieq ghar-rahal u jghatina direzzjoni cara u ahna nimxu maghha. L-ufficju tieghi qed jghamel dak kollu possibli biex jintlahhaq kompromess imma jidher li dan mhux qed jigi apprezzat. Ghalhekk nitlob li l-kunsill jiehu decizzjoni u jghidilna x jixtieq.*" Il-Kunsill jesiġi li jkun preżenti waqt laqgħa oħra mal-perit u din għandha tkun filgħaxija. F'dan il-punt il-Kunsill esiġa li terġa ssir laqgħa mal-Perit, filgħaxija biex il-kunsilliera li jaħdmu jkunu jistgħu jkunu preżenti.<br>• Is-Segretarju Eżekuttiv issuġġeriet lill-Kunsill biex jinstalla apparat biex ikunu jistgħu jissewwew roti u jintnefħu tyres ta' roti b'emerġenza – fi Vjal il-Blue Grotto, bħal ma ġew installati f'Ħaż-Żebbug. L-ispiża hi ta' bejn wieħed u ieħor 2K. Kien hemm qbil fuq dan.<br>• Fl-akwata ta' Triq il-Madonna tal-Ħniena kellna ilmenti fuq il-makkinarji abbandunati li hemm. Kien hemm qbil li kif issir it-triq, l-akwata titnaddaf minn ERA u Clean Malta u kif jitnaddaf, isiru bankijiet ħalli ma jerġgħax jiġi żgumbrat u maħmuġ.<br><br>F'dan il-ħin il-Kunsillieri Joseph D'Amato ħareġ mis-seduta (20:00) |
| | | |
| | | |
| ***48.11*** | | ***APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA TAR-REĠJUN PUNENT, TAL-GALXLOKK u TAL-***<br>***ASSOĊJAZZJONI KUNSILLI LOKALI U SOTTO KUMITATI.*** |
| | | |
| 48.11.1 | | Ma kienx hemm minuti x'jiġu approvati. |
| | | |
| ***48.12*** | | ***KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TA' PAGAMENTI*** |
| | | |
| 48.12.1 | | Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti anessa bħala **Dok 2** għall-ammont totali ta' €33,626.91<br><br>Il-mozzjoni għaddiet u l-iskeda ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku Rita Grima, u l-Viċi Sindku Ignatius Farrugia u l-Kunsilliera Kyle Mifsud. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| ***48.13*** | | ***DATA GĦAS-SEDUTA LI JMISS*** |
| | | |
| 48.12.1 | | Il-laqgħa ntemmet b'dan l-item fuq l-aġenda fl-20:35. Il-Kunsilliera preżenti qablu li d-data tal-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 14 ta' Ġunju, 2023, fis-6:15 ta' filgħaxija. |

Konfermati, illum _14__ ta' ĠUNJU, 2023.

IFFIRMAT
Rita Grima
**Sindku**

IFFIRMAT
Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**